

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (rappreżentanti: inizjalment P. Empadinhas, aġent, C. Meidanis, avukat, sussegwentement P. Empadinhas u S. Purser, aġenti, C. Meidanis, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li titkeċċa r-rikorrenti, li tiġi ordnata r-reintegrazzjoni tagħha u l-ħlas tal-benefiċċji finanzjarji li hija kellha tirċievi sa minn tmiem il-kuntratt tagħha, bit-tnaqqis ta' eventwali dħul li rċeviet matul l-istess perijodu, miżjud bl-interessi kkalkolati bir-rata fissa mill-BĊE miżjuda bi 3 punti, u t-talba għal kumpens għad-dannu morali allegatament subit.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *DG għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni.*

⁽¹⁾ ĠU C 15, 18/01/2014, p. 21.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Diċembru 2014 – Migliore vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-110/13) ⁽¹⁾

(Promozzjoni — Proċedura ta' ċertifikazzjoni — Proċedura ta' evalwazzjoni 2013 — Esklużjoni tar-rikorrent mil-lista definittiva tal-uffiċjali li jkunu ġew awtorizzati sabiex jieħdu sehem fil-programm tat-taħriġ — Artikolu 45a tar-Regolamenti tal-Persunal)

(2015/C 026/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Nunzio Migliore (Sterrebeek, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Tymen u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi lir-rikorrent mil-lista tal-kandidati awtorizzati jipparteċipaw fil-programm ta' taħriġ "Ċertifikazzjoni" fl-2013.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *N. Migliore għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 24, 25.01.2014, p. 41.